**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 21 ta' Frar 2023**

**Rikors Nru.188/2023 GM**

**Mary Michelle D'Amato (K.I. Nru: 264180M)**

**vs**

**George Cutajar (K.I. 509040M) bħala mandatarju ta' Maria Lourdes Klioris (Passaport Malti nru PB3429491)**

**u Pauline Ellul (K.I. Nru: 255180M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-15 ta' Frar 2023.

Ikkunsidrat :

L-intimat nomine jsostni li l-mandat huwa null għaliex mhux magħmul fuq il-formola t-tajba. Jirriżulta (għalkemm mhemmx numru fuqha) li r-rikorrenti kellu juża' l-formola Nru. 21 (biex il-Qorti jżomm lill-initmat milli jagħmel xi ħaġa) minflok il-formola 25 (biex iżomm lill-intimat milli jitrasferixxi jew jgħabbi b'piż xi ġid) intiża biex jiġi salvagwardjat kreditu.

L-intimat jiċċita favorih is-sentenza Schembri vs Attard (1923/2008/1) tat-22 ta' Diċembru 2008 Prim'Awla (LFS).

Tabilħaqq, Art. 1007 (1) jagħmar li l-atti kollha għandhom jiġu magħmula skont il-formoli fl-iskeda B li hemm mal-Kap 12.

Din il-Qorti, kif issa ppriseduta, ma taqbilx li dan in-nuqqas iġib in-nullita', diment li l-t-talba, u l-ordni tal-Qorti stampata fuq il-formola, jissodisfaw ir-rikwiżiti tal-Art. 873.

Il-bqija tar-risposta tal-intimat tirrigwarda l-mertu tal-vertenza li ma tistax tiġi kkonsidrata f'din il-proċedura.

Għalhekk tilqa' it-talba.

Mogħti kameralment.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA